# X’ser nagħmel?

Niftakru kif Marija u Ġużeppi kienu dejjem lesti li jagħmlu r-Rieda ta’ Alla, fis-silenzju.

Ladarba rċivew l-missjoni tagħhom, huma temmewha b’responsabbiltà sewwa.

Is-silenzju tagħhom jimmarka t-tip ta’ missjoni speċjali li kellhom: ħajja mgħixa b’fidi kostanti f’Alla.

Mill-banda l-oħra naraw li Erodi ma fehemx x’ried Alla minnu u lil Ġesù ma laqgħux.

Għalhekk qered lit-tfal ta’ taħt is-sentejn. Hu ried ifittxu biex joqtlu.

Ejja naraw x’hawn bżonn isir madwaarna u nagħmluh bil-qalb.

